# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 29/2018

**Il-Pulizija**

**vs**

**Ryan Joseph Micallef**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Ryan Joseph Micallef, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 79791M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Ghawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-24 ta' Mejju, 2017 għall-ħabta ta' 13:00hrs f'Kemmuna u/jew postijiet oħra f'dawn il-gżejjer:

1. B'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu , jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti

kkaġuna offiża gravi fuq il-persuna ta' Darrall Hodgson, liema offiżi ġabu l-konsegwenzi msemmijin fl-Artikoli 218 u 226 tal-Kap 9;

2. Kif ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' regolamenti kkaġuna offiża ħafifa fuq il-persuna ta' Carla Guhit msemmija fl-artikoli 221 u 226 tal-Kap 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-10 ta' Jannar,2018 li biha sabet lill-imputat Ryan Joseph Micallef ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu w kkundannatu għal multa ta' elfejn Ewro (€2,000);

Rat ir-rikors ta' appell ta' Ryan Joseph Micallef, preżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Jannar, 2018 li bih talab lil din il-Qorti **tirrevoka u tħassar** is-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena. B'mod sussidjarju, l-appellant talab li **tirriforma** s-sentenza appellata billi tvarja l-piena nflitta għal waħda aktar miti u idoneja;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. L-appellant jillanja s-sentenza appellata bl-aggravju tal-apprezzament zbaljat tal-fatti u tal-principji tad-dritt applikabbli ghal dan il-kaz u aggravju dwar il-piena. Issa, kif inhu palezament akkolt fil-gurisprudenza, meta l-appell ikun dwar l-apprezzament tal-provi, din il-Qorti *qua* qorti ta' appell ghandha tezamina l-provi mill-gdida bil-ghan li tkun f'qaghda tiddeciedi jekk l-ewwel Qorti qabilha setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Tajjeb ghalhekk li jkunu rakkontati l-fatti tal-kaz li taw lok ghas-sentenza hawn skrutinata;

2. Mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti provi li l-ewwel fosthom huwa certifikat mediku mahrug mit-tabib mediku Dr. Ian Galea li jghid li Darrall Hodgson kien involut f'incident fuq dahru waqt li kien qed jivjagga fuq *power boat* u kien qed jilmenta minn igeigh fil-parti t'isfel ta' dahru. X-ray wera "*a wedge fracture of L1 vertebra*" klassifikata bhala gravi *per durata*. F'certifikat iehor mahrug mill-istess tabib, Carla Gullit ukoll involuta waqt vjagg fuq power boat u tilmenta minn ugiegh fit-tarf ta' darha, kienet soggetta ghall-X-ray li wera "*a suspected fracture of her coccyx*" ukoll gravi *per durata*. F'affidavit, l-istess mediku ddikjara li wara x-ray rrizulta li Carla Gullit ma kienitx subiet ksur fl-ghadma tas-sinsla tad-dahar u ghalhekk l-ugiegh kien jissarraf f'offiza hafifa salv kumplikazzjonijiet. Fil-kaz ta' Darral Hodgson, izda rrizulta ksur f'rukkell minn dahru (L1);

3. Permezz ta' affidavit, PS552 Matthew Grech xehed illi kien infurmat mill-Isptar Generali t'Ghawdex li pazjent barrani xtaq jaghmel rapport dwar theddid li sar fil-konfront tieghu. Darrall Hodgson spjegalu kif jumejn qabel, igifieri fl-24 ta' Mejju 2017 kien involut f'inċident f'Kemmuna u sofra ksur f'dahru kawza tal-manjiera ta' sewqan ta' dghajsa mill-kaptan taghha. Ix-xhud

rriproduca dak li rraportalu l-kwerelant kif inhu sintettizat aktar 'l isfel. Spjega ukoll izda, li Darrall Hodgson kellu vizita fl-isptar minn zewgt irgiel fis-26 ta' Mejju, 2017 waqt li kien fis-sodda u dawn offrewlu s-somma ta' elf euro biex izomm halqu maghluq u ma johloqx problemi. Allegaw li kien qed johloq xena fittizja u sabiex ma jiftahx claim mal-assikurazzjoni u dan bit-theddida li fin-nuqqas kien ser jigri xi haga lill-familja tieghu li jafu fejn tghix fl-Ingilterra. Wiehed minn dawn kien jismu Gary u wiehed minnhom kien jimxi bil-bastun izda peress li dak il-hin tal-vizita kien ghadu taht l-effett tal-loppju ma setghax jiftakar aktar. Is-Surgent tkellem mal-imputat li ghazel li ma jikkonsultax ma' avukat izda ma wiegeb xejn dwar l-allegat incident hlief li kien isuq id-dghajsa "Corsica". Kellem ukoll lil certu Gary Hearn li ammetta mieghu li kien mar ikellem lill-kwerelant izda cahad li ghamel xi thedded u li mar hemm biex jawguralu fejqan ta' malajr. Hodgson izda kien talab li ma jittiehdu ebda passi kontra Hearn. Is-Surgent kellem ukoll lil Carla Guhit li rrakontatlu dak li kien gara u produciet zewg certifikati medici;

4. Darrall Hodgson xehed illi kienu telgħu fl-ispeedboat in kwisjtoni il-Blue Lagoon bil-hsieb li jzuru l-gherien u mar-ritorn jieklu u jmorru *snorkling* . Kienu bejn 12 u 16-il passiggier u hu u l-kwerelanta l-ohra kienu minn ta' l-ewwel li telghu u qaghdu quddiem. Wara tlieta jew erba minuti d-dgħajsa żiedet fl-ispeed u żdied ukoll il-mewġ u f'daqqa waħda "*smash, bang!., smash, bang! My back was gone, My glasses fell off into the boat and I was in agony and I literally ... to say "stop the boat! stop the boat"* Mill-ewwel qal li ma kienx okay u li ma kienx qed iħossu f'tiegħu sakemm irnexxielu jitkaxkar minn quddiem sa nofs id-dghajsa waqt li l-kaptan beda jgħidlu li dalwaqt ikun tajjeb. Marru fl-għerien u wara marru lura waqt li l-kaptan infurmah li kien ser jiehdu mal-moll t'Ghawdex u jsejjaħ għal ambulanza;

5. Jghid ukoll ix-xhud li ghall-ewwel tlitt minuti kienu qed jgholew u qisu qed jaghmlu figura tan-numru 8 meta ghola u nizel b'tizbita u hass tixqieq "crack" u rega' sar l-istess. Id-dgħajsa kienet misjuqa mill-imputat u kienet għaddejja bi speed qawwi. Huwa kien gia ghamel hames xhur ma jmurx xoghol u issa kien ser jaghmel sitt xhur ohra wara l-intervent kirurgiku li kien qed jistenna li ssirlu b'dan izda, li ma jkunx jista' jirkupra aktar minn sebghin fil-mija tal-mobilita' tieghu. Ix-xhud ikompli li l-imputat kien qalilhom li ser tkun 'a *bit bumpy but don't complain about it*' izda wara l-ewwel tliet minuti kulħadd kien qed igorr u dik kienet l-ewwel darba tieghu fuq speedboat. Jghid li t-temp kien sabih u l-bahar kien kalm. Kien qed isuq wisq. Il-baħar kien sabiħ. Il-kaptan ma ħa ebda passi wara li nġibditlu l-attenzjoni ħlief li x-xhud iċċaqlaq għall-parti tan-nofs. Huwa jikkonferma li l-imputat kien avzahom li minn joqghod fuq quddiem kien ser ikollu rikba aktar movimentata, "bumpy" minn dawk ta' wara. Mistoqsi ghaliex ghazlu li jmorru Kemmuna bil-powerboat jghid li kienu fuq id-dghajsa sejrin il-Blue Lagoon, kien hemm speedboats qed iduru u semghu xebba ghaddejja toffri dawra ghall-gherien u ghazlu li jmorru. Ix-xhud esebixxa certifikat dettaljat tal-offizi li garrab rilaxxjat mill-NHS ta' Royal Devon and Exeter;

6. Carla Guhit, li allura hi t-tieni kwerelanta f'dan il-kaz, kkonfermat li wara tliet minuti li bdiet din id-dawra, d-dghajsa bdiet miexja ziz-zag, jew fil-forma ta' S jew fil-forma tan-numru 8. Ħassewhom itiru 'l fuq u jinżlu lura b'sabta tnejn, tliet darbiet. Darrall kien bjad u kulħadd beda jgħid lill-kaptan biex jieqaf u qalulu 'Qed issuq wisq.' Hu qalilhom li ma kinux jafu x'inhuma jgħidu għax kien ilu jsuq b'dik il-manjiera għal ħafna snin. Qabel bdew kien qalilhom 'Il-ġirja ser tkun bi speed qawwi. Tgorrux!' Meta qalulu li Darrall kien muġugħ hu qalilhom li kien tajjeb. Il-passiġġieri l-oħra għenu lil Darrall biex imur fuq in-naħa ta' wara. Anke huma riedu jmorru fuq in-naħa ta' wara imma ma kienx hemm post aktar. Min

kien fuq quddiem beda jillitiga mal-kaptan. Il-vjagg baqa' sejjer għax ir-reklam kien jgħid li jdum 25 minuta. Kien fl-aħħar li saqsiehom ridux iġibu ambulanza. Hi kellha ħafna brix għax kienet qed tipprova ma taħbatx wiċċha mad-dgħajsa. Meta waslet l-isptar t'Għawdex tawha pain relief u għamlulha x-ray. Hi ma kellhiex ksur, Kellha brix biss. Sofriet ukoll uġigħ fil-coxis. Indunajt xi ġralu Darrall wara xi tliet minuti għaliex id-dgħajsa kienet għaddejja bi speed qawwi. Kwantu ghall-passiggieri l-ohra tghid li kien hemm madwar erbatax-il ruħ. Ikkonfermat li l-appellant kien qalilhom li d-dawra kienet ser tkun bi speed qawwi u biex ma jgorrux. Kien qalilhom li min ikun fuq quddiem ser ikollu "a bumpy ride" imma qatt ma stennietx li ser tispiċċa midruba. Ma kienitx taf jekk kienx hemm passiġġieri oħra li weġgħu;

7. L-imputat xehed illi kien ilu jagħmel dan ix-xogħol xi erba' jew ħames snin. Huwa qal li kien ghadu kemm wasal bi 22 persuna minn tas-Sliema, nizzilhom Kemmuna u trakka mad-dghajsa Geraldine biex jghabbi n-nies ghal "cave tour". Qabel ma n-nies telghu fuq id-dghajsa avżawhom bhala procedura normali, li min ikun fuq quddiem ser tħabbat aktar u li wara kien aktar komdu, li jekk ghandhom xi problema b'darhom jew jibzghu ghandhom joqghodu wara u mhux quddiem. Id-dghajsa kienet mimlija u kellha 22 ruh fuqha. Fid-dgħajsa jkun hemm l-avviż quddiem kull passiġġier dwar it-"terms and conditions", dwar jekk ghandhom xi problema b'darhom, jekk jibzghu jew ikunu tqal oltre l-indikazzjoni tas-sit tal-kumpanija li fuqha ssib "it-termini kollha mill-bidu sal-ahhar".

8. Kwantu ghall-kundizzjonijiet tal-bahar, l-imputat qal li kienet guranta bnazzi u l-bahar iddeskrivieh bhala zejt. Matul it-triq sabu mewga ta' dghajjes ohra li huwa normali meta tkun fuq il-bahar, u ghadda minn din il-mewga u kienu dawn iz-zewg min nies biss li qalu

li wegghu u dak il-hin waqaf. Fuq domanda tal-Qorti, l-imputat qal: "Ghamilli s-sinjal u qalli li wegga. Ma nistax nghid Magistrat, dan kulhadd jaf jista' jirrecita hu. Waqaft, ghidtilhom biex jigu lura, hu qam." Kien staqsiehom jifilħux ikomplu u ddeċidew li jkomplu l-vjaġġ. Kompla bit-tour, marru fl-gherien u fir-ritorn ra li kien ghadu mugugh u staqsieh jekk ghandux bzonn ambulanza u waslu mal-moll. Kwantu velocita, l-imputat jghid li kien qed isuq bejn 35 u 38 knots li huwa l-cruising speed tad-dghajsa. Jichad li kien qed jaghmel il-manuvri li allegew il-kwerelanti ghaliex b'dak l-ispeed id-dghajsa kienet tinqaleb.

9. L-imputat qal in-kontro eżami li huwa kwalifikat bhala boat master grade 1. Qal ukoll illi Darrall Hodgson deher skomdu. Minn tnax-il ruħ fuq quddiem tnejn biss qamu jgħidu li weġgħu. Jaqbel li d-dgħajsa tkun tiela' u nieżla bil-moviment tal-baħar u għalhekk qabel kien qalilhom li min joqgħod fuq quddiem jistenna d-dgħajsa tħabbat aktar;

10. L-ewwel zewg argumenti mressqa mill-appellant ser ikunu kunsiderati flimkien. L-appellant jghid li hu principju legali li l-icken dubju ghandu jmur favur il-liberazzjoni ta' l-imputat u li l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment issib htija fih. Tajjeb illi f'dan l-istadju tal-konsiderazzjonijiet issir referenza ghal dak li qalet l-ewwel Qorti dwar dan il-kaz, u ghal dan il-ghan, qed tkun riprodotta s-sentenza fl-intier taghha:

> *Ikkunsidrat:*
>
> *Inkwantu ghall-ewwel (1) imputazzjoni migjuba din il-Qorti se tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli, B.E&A., A&CE:*
>
> *"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju, skont l-Artikolu 239 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragini ("negligenza"), jew ta' hila ("imperizja") fl-arti jew professjoni jew*

*konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita`, minn event dannus involontarju.*

*Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu isir il-konfront tal-kondotta effetivament adoperata ma' dik il-persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe` ili fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibbilita` normali; kriterju dan li, filwaqt li iservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d- diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta` di valutazione" (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27 p.46)...*

*...Huwa obbligu specifiku ta' kulhadd illi juza fl-agir tieghu dik id-diligenza li s-sitwazzjoni tissuggerixxi ghall-prevenzjoni ta' pregudizzju ghal-terzi. Hija kultant il-ligi stess li permezz ta' preskrizzjonijiet u divjeti tiddixxiplina l-attivitajiet individwali f'kamp determinat; u f'dal kaz ikun negligenza, bhala element tal-kolpa, in-nuqqas ta' tharis tal-precett tal-ligi. Fejn dan il-ligi ma tghamlux, tkun tikkostitwixxi negligenza dik il-kondotta li l-generalita` tal-ohrajn tajba tal-istess kategorija ma kinitx tadopera fic-cirkostanzi. Dan il-kriterju jindika l-limiti tar-responsabbilita` kolpuza, u fl-istess hin jiddetermina d-diligenza indispensabbli biex jigu evitati sanzjonijiet legali; u waqt li jiddixxplina l-kondotta individwali, ihalli lok ghall-apprezzament ta' diffikultajiet u probabilitajiet tas-sitwazzjoni konkreta. Meta wiehed, quddiem kaz prattiku, iqis ic-cirkostanzi jadopera ruhu kif generalment kien jaghmel "vir bonus" tal-istess kategorija, u jifforma konvinciment; jekk imbaghad jirrizulta li l-kondotta tieghu ma kinitx objettivament adatta ghall-kaz konkrett, huwa ma jirrispondix ghar-rizultat. F'dan il-kaz il-konvinzjoni ragunata, jew dik li komunemenet tissejjah ic-"certezza morali", kif distinta mic-"certezza obbjettiva", tkun sufficjenti biex teskludi l-imputabbilita`. Din il-konvinzjoni trid tkun bazata mhux fuq in-nuqqas ta' impenji ghall-iskoperta` tar-realta`, imma fuq il-verosimilianza soda li, a bazi ta' elementi esterni, is- sitwazzjoni tkun tipprezenta.*

*Dan l-istess kuncett iservi mbaghad ta' gwida biex jigi stabbilit fil-kaz partikulari n-ness ta' kawzalita` bejn ir-rizultat u l-kondotta tal-agent. Presuppost ta' dan in-ness kawzali huwa komportament guridikament negligenti; fejn dan ma jezistx ma jkunx hemm quddiem il-ligi dak in-ness, u allura l-event dannuz johrog mill-limiti tal- imputabbilita` u jkun jirraprezenta l-fortuwitu.*

*L-element fortuwitu spiss jiddetermina sitwazzjoni. Dan partikolarment jissuccedi fl-ezercizzju ta' attivitajiet professjonali, fejn f'ram aktar minn iehor, il-professjonista` huwa kontinwament konfrontat minn esigenzi, diffikulatjiet u relattivitajiet ta' metodi, u espost ghall-azzjoni ta' elementi injoti." 4.02.1961 per Onor. Imhallef Dr. J. Flores. Kollez. Deciz Vol.XLV.iv.870, 903*

*Konsegwenzi dannuzi lil terzi:*

*Fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Tarcisio Fenech" deciza mill-Qorti tal-Appell Krminali nhar is-26 ta' Marzu 1998 gie deciz illi:*

*"Biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika -- cioe' l- esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l- esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari -- tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita' li l-interessi tal-ohrajn jigu pregudikati.*

*L-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' hsieb", "traskuragni", u "nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni", filwaqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tharista' regolamenti". Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti il-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal-legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi ukoll ghal dawk ir-regolamenti promulgati minn enti privati (per ez., ir-regolamenti infassla minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull min jahdem jew jidhol f'dik il-fabbrika)."*

*Rat l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 fejn xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, huwa bizzejjed biex jaghmel prova.*

*Decide:*

*Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, issib lill-imputat Ryan Joseph Micallef hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u wara li rat l-Artikoli 216, 218 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah multa ta' elfejn ewro (€2000).*

11. Mis-sentenza appena riprodotta huwa car illi l-ewwel Qorti emmnet lill-kwerelanti fid-desposizzjoni taghhom u skartat dak li qal l-imputat b'mod li ma rriskontratx dak id-dubju "dettat mir-raguni" li skond l-appellant kellu jezonorah minn kull htija. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa it-traskrizzjonijiet tax-xhieda riportati hawn in sintesi u hi tal-istess fehma ghaliex ma ghandha ebda raguni ghalfejn tiddubita mill-verzjoni taz-zewg kwerelanti;

12. Isegwi minn dan li jkun ezaminat jekk il-fatti kif rakkontati mill-kwerelanti kienux tali li setghu legalment u ragjonevolment iwasslu lill-ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha mertu ta' dan l-appell. Anke hawn, anke jekk mhux espressament dikjarat mill-ewwel Qorti, jidher li d-decizjoni taghha hija radikata mill-insenjament gurisprudenzjonali fis-sentenzi minnha citati. Hawnhekk si tratta ta' zewg reati ta' natura involontarja li ghalihom jipprovdi l-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 li jirreferi ghall 'Kull min b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti'. Dawn il-frażijiet huma alternattivi waħda għall-oħra u m'hemmx għalfejn l-Prosekuzzjoni tipprova kull waħda minnhom. Issa, ghal dik li hija duttrina in rigwarda, il-Professur Mamo f"Lectures in Criminal Law f'paġni 66 et seq dwar in-nozzjoni ta' "culpa" fil-ligi taghna jghid:

'*The method commonly followed by modern Codes is that of refraining from giving any definition of negligence in the general provisions.....*

*In the provisions concerning particular crimes in respect of which liability is contracted by reason of negligence, our law sometimes makes use of the single word 'negligence'. At other times it uses the two words 'negligence or imprudence'. In yet other cases – the most important – responsibility for the crime is incurred on account of 'imprudence, carelessness, unskilfulness in an art of profession or non observance of regulations. Now the words 'negligence, imprudence, carelessness' are not defined, but its clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances.....*

*Now the question arises, whether in the system of our Code it is essential, in order that there may be liablity for a negligent offence, that the harm caused should have been foreseeable by the defendant.*

*It would appear that the answer to this query should be in the affirmative for the following reasons:*

*In the first place our provisions dealing with crimes of negligence are modelled upon, or, at any rate, similarly worded substantially as the corresponding provisions of the Italian Code of 1889 and its predecessors.......*

*In the second place, 'negligence', 'imprudence' and 'carelessness' are subjective facts. They connote the subjective attitude of the offender towards his acts and their consequences which attitude prevents him from acquiring foresight and consciousness of them and but for which he could have acquired such foresight and consciousness. .....The objective or material causation is not enough but that the enquiry has to be made into the mental attitude of the doer to ascertain whether his mind was at fault in failing to appreciate and, therefore, to guard against the harmful consequences of his act...........*

*In these cases the law is not satisfied with the mere absence of any intention to inflict injury or to cause harm, but demands the positive use of such care as is calculated to avoid the possibility of such injury or harm.....*

*The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of 'an ordinarily prudent man.'*

13. Fil-kuntest ta' dan l-insenjament, mill-assjem tal-provi jirrizulta illi fuq tour intiz u reklament principalment ghal mawra fl-gherien, l-imputat, f'gurnata bnazzi u bahar kalm zejt, beda jdur f'forma tan-numru 8 b'dghajsa ta' potenza kbira hafna u b'hekk kkreja hu stess mewg biex meta ghadda minn wahda minnhom tnejn mill-passiggiera tieghu hadu tisbita tali li sofrew l-offizi deskritti *supra*.

14. F'dan il-każ għandu jkun ikkunsidrat jekk l-appellant weriex nuqqas ta' ħsieb jew traskuraġni u xi '*standard of care'* kien qed juża f'kaz fejn l-offiza sofferta minn Darrall Hodgson hija wahda minn dawk elenkati fl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali li jikklassifikaha bhala 'debulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem jew li iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem' filwaqt li dik soffert minn Carla Guhit hija dik ravvizata fl-artikolu 221 tal-istess Kodici;

15. L-appellant jiċħad li għamel dawn il-manuvri u jżid jgħid illi kieku għamel hekk kien jispiċċa kulħadd fil-baħar. Madanakollu, l-Ewwel Qorti rat lil dawn ix-xhieda jixhdu u waslet għall-konklużjonijiet tagħha ta' x'effettivament sar fl-ewwel tliet minuti tat-trip meta emmnet lill-kwerelanti fejn jirrizulta emnut ukoll li passiġġieri oħra fid-dgħajsa wkoll illitigaw mal-kaptan u riedu li jmorru fuq wara tad-dgħajsa;

16. L-appellant jirreferi għal kif inhu rreklamat it-trip u x'jgħid lill-passiġġieri huma u telgħin fid-dgħajsa sabiex javżahom. Jissemma wkoll li tibda tiġri l-adrenalina. B'danakollu l-istandard of care jibqa' dejjem hemm u wieħed ma jeħlisx minnu għax jagħmel l-avviżi fuq il-bankijiet u jwissi lill-passiġġieri. Lanqas ma jista' l-appellant jistrieħ fuq l-insistenza tieghu li kien ilu erba' jew ħames snin isuq u qatt ma kien ġara inċident bħal dan. Min joffri kull tip ta' divertiment – ukoll jekk iwissi li ser ikun hemm ċerta speed jew li l-apparat hu mgħammar b'ċertu horsepower – xorta waħda tinkombi fuqu id-' "duty of care'. Ma jiswa xejn li l-passiġġieri l-oħra ta' quddiem ma ġralhomx l-istess jew li kienu l-parte ċivili li għażlu li joqogħdu fuq quddiem. L-inċident sar minħabba l-mod kif saq l-appellant. Id-deskrizzjoni li tat Carla Guhit hija u tixhed hija waħda grafika:

*'About three minutes into the ride the speedboat was not going in a straight line. It was zigzagging, 'S' shape, figure of 8 and ...big bump,*

*like a big wave being generated by the speed boat going around in circles. We felt ourselves fly up and down with a big bump two or three times and then I saw Darrall Hodgson...really pale and sweating and me and the other passengers in the front were signalling for the captain to stop the boat and we said that Darrall Hodgson was hurt. And ...these girls in front, who were tourists, said 'Your are going too fast.'*

17. Ma ntqal xejn dwar jekk id-dghajsa li kienu fiha l-kwerelanti kienitx bhal dik murija fil-*brochure*. Dan qed jinghad ghaliex f'dik jidhru nies ilkoll bilqieghda f'hames kompartamenti bis-siggijiet, tliet ringieli fuq quddiem u zewg ringieli fuq wara. Dan qed jinghad ghaliex il-kwerelant xehed li b'xi mod kaxkar lilu nniffsu ghan-nofs tad-dghajsa u l-appellant xehed li offrielu jersaq fuq il-wara taghha. Issa jekk din kienet mimlija bin-nies ma tista' din il-Qorti timmagina kif persuna bi frattura f'darha tista taqbez is-siggijiet ta' quddiem u dik il-parti divizorja ta' bejn id-driver u s-siggijiet ta' wara. Dak ir-ritratt juri dghajsa li ma hemmx triq ohra hlief li tqum u b'xi mod taqbez is-siggijiet biex issib ruhek wara u tistaqsi din il-Qorti kif inhu possibbli dan sia f'dik il-kundizzjoni kif ukoll jekk id-dghajsa kellha 22 ruh fuqha;

18. L-avviz li l-appellant jghid li ta kien dwar jekk persuni kellhomx xi problemi b'darahom jew jibzghu. Jidher li l-kwerelanti ma kellhom xejn minn dawn il-kundizzjonijiet u ma hemm ebda avviz, almenu din il-Qorti ma ngiebitx a konjizzjoni tieghu, li hemm ir-riskju ta' korriment f'tour bhal dak (jekk avviz bhal dak jistax wara kollox jezonora lill-imprenditur ta' ezercizzju simili, izda dak il-punt mhux in diskussjoni f'din il-kunsiderazzjoni);

19. Illi ghalhekk jezisti dak in-ness bejn is-sewqan tal-appellant u l-inċident. *'Għall-aċċertament tal-ħtija minħabba kondotta negliġenti għandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik tal-'bonus paterfamilias'.* ('Il-Pulizija kontra l-Perit Louis Portelli' -

App Krim tal-4 ta' Frar 1961). Il-kondotta tal-appellant ma tidher xejn li kienet waħda tal-*bonus paterfamilias*. Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha kemm raġonevolment u kemm legalment. Għaldaqstant qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

20. Dwar it-tieni aggravju l-appellant jissottometti li l-piena hija eċċessiva. Il-piena hija fil-parametri tal-ligi għaliex għall-ewwel imputazzjoni biss, barra mill-possibilita' ta' piena ta' priġunerija, skond l-artikolu 226(1) il-multa tista' titla' sa erbgha t'elef, sitt mija u tmienja u hamsin ewro u hamsa u sebghin centezmi (€4658.75) filwaqt li l-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal anqas minn nofs dan l-ammont meta setghet erogat piena karcerarja . Intqal diversi drabi minn din il-Qorti illi l-paraguni tal-pieni fil-kawzi huma odjuzi u li kull każ għandu jitqies skont il-fattispeċji tiegħu. Il-piena hija fil-parametri tal-ligi u hija ukoll wahda proporzjonata u ghalhekk ma tarax li ghandha tirrimpjazza d-deskrizzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

IMHALLEF